A.L. 373 tal-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR PORTIJIET U BASTIMENTI (KAP. 352)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-artiklu 27 tal-Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2007 dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 208 tal-2007.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2010.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-tariffa ta' rati li tidher qabel in-Noti fl-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"Rati għal kull bastiment tal-irmonk għal kull siegħa jew parti minnha

	Mill-1 ta' Lulju, 2010	Mill-1 ta' Jannar, 2011	Mill-1 ta' Lulju, 2010	Mill-1 ta' Jannar, 2011
Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 3
	Rati Normali (Ara Nota 2)	Rati Normali (Ara Nota 2)	Rati applikabbli bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal-jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-Btajjel Pubbliċi (Ara Nota 3)	Rati applikabbli bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal-jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-Btajjel Pubbliċi (Ara Nota 3)
	€	€	€	€
Għal bastimenti sa 3,000 tunnellati gross (gt)	250	263	342	360
Għal bastimenti ta' tunnellati gross (gt) bejn:				
3,001 u 6,000	316	332	448	471
6,001 u 10,000	395	416	566	596
10,001 u 13,000	474	499	684	720
13,001 u 16,000	552	581	803	845
16,001 u 20,000	672	707	974	1,025

20,001 u 24,000	776	817	1,132	1,192
24,001 u 35,000	882	928	1,289	1,357
35,001 u 45,000	961	1,011	1,408	1,482
45,001 u 60,000	1,053	1,108	1,553	1,635
60,001 u 80,000	1,171	1,233	1,724	1,815
80,001 u 100,000	1,289	1,357	1,908	2,008
100,001 u 150,000	1,382	1,455	2,040	2,147
150,001 u 200,000	1,513	1,593	2,237	2,355
Għal bastimenti ta' iktar minn 200,000 tunnellati gross (gt)	1,645	1,732	2,435	2,563"

(b) minflok il-proviso għan-Nota (2) għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta jkunu meħtieġa bastimenti tal-irmonk aktar minn dawk il-bastimenti tal-irmonk ekwipaġġati kontinwament ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port ta' Marsaxlokk rispettivament, id-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa għal dawk il-bastimenti tal-irmonk addizzjonali li jkunu hekk meħtieġa għandhom jiġu kalkolati skond ir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet kalkolati skond ir-rati taħt il-Kolonna 2 u għandhom jiżdiedu:

(a) b' €303 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) b'€319 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk, skond liema rata tkun l-ogħla.";

(ċ) minflok in-Nota (3) għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Għal servizzi mogħtija bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin is-Sibt, il-Ħadd jew f'xi btala pubblika oħra, għandhom japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda:

(a) b'€593 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) b'€624 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastiment tal-irmonk, skond liema rata tkun l-ogħla.";

(d) minflok il-kliem minn "Ir-rati li jitħallsu" sal-kliem "(45) metru tul." fin-Nota (6) għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-rati li jitħallsu għal għajnuna lil bastimenti inkapaċitati għandhom jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, bla ħsara għall-inqas dritt ta':

(a) €1,185 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) €1,247 mill-1 ta' Jannar tal 2011

għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti sa 3,000 tunnellata gross u bla ħsara għall-inqas dritt ta':

(a) €1,973 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) €2,077 mill-1 ta' Jannar tal 2011

għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti ta' iktar minn 3,000 tunnellata gross:

Iżda dan id-dritt addizzjonali ma japplikax għal ċattri mingħajr mezz indipendenti ta' moviment u għal bastimenti oħra, meta t-tnejn li huma jkollhom inqas minn ħamsa u erbgħin (45) metru tul."; u

(e) minflok in-Nota (7) għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, meta bastiment tal-irmonk li jkun il-ħin kollu ekwipaġġat fil-Port il-Kbir jew f'Marsaxlokk hu mitlub sabiex jagħti servizz f'xi ħin mingħajr ma jkun ingħata tal-inqas avviż ta' tliet sigħat, għandu jitħallas dritt żejjed ta':

(a) €198 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) €208 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk.

Meta bastiment tal-irmonk huwa mitlub b'żjieda ma' bastimenti tal-irmonk li huma l-ħin kollu ekwipaġġati ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port ta' Marsaxlokk rispettivament, f'kull ħin, mingħajr ma jingħata tal-anqas avviż ta' erba' sigħat, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta':

(a) €395 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(b) €416 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk.".